MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 164/2006

**Ivan Cutajar f'ismu proprju u kif ezercenti l-kummerc bl-isem tad-ditta 'Iv's' u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' 'IV'S Company Limited' illi precedentement kien jisimha 'Santa Group Limited' (gie li msejha wkoll 'Santa Group of Companies Limited' )u permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja ffirmata mill-membri kollha tas-socjeta' datata 24 ta' Dicembru, 1997 kienet bidlet isimha ghal 'IV'S Company Limited'**

**vs**

**Ultra Services Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Ivan Cutajar f'ismu proprju u kif ezercenti l-kummerc bl-isem tad-ditta 'Iv's' u kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' 'IV'S

Company Limited' illi precedentement kien jisimha 'Santa Group Limited' (gie li msejha wkoll 'Santa Group of Companies Limited' )u permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja ffirmata mill-membri kollha tas-socjeta' datata 24 ta' Dicembru, 1997 kienet bidlet isimha ghal 'IV'S Company Limited', li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjeta' konvenuta kienet tat kuntratt ta' sub-appalt lill-esponent gha xoghol ta' manifattura ta' aperturi u *facade* tal-*aluminium* u hgieg, liema xoghol, liema xoghol kellu jigi fix-*showroom* proprjeta' ta' Joseph Bezzina & Co. Ltd. fi Triq Aldo Moro, il-Marsa.

Il-prezz pattwit ghal dan is-sub-appalt kien ta' wiehed u ghoxrin elf, disa mija u tmien liri Maltin u erbghin centezmu (Lm21,908.40) kif jirrizulta mill-annessi dokumenti li qed jigu hawn immarkati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B'.

Din is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tmien liri Maltin u erbghin centezmu (Lm21,908.40) kellha tithallas mis-socjeta' konvenuta lill-esponent sa mhux izjed tard mis-7 ta' Settembru 1996 kif rizultanti mill-anness Dok. 'B'.

L-esponent esegwixxa s-sub-appalt lilu moghti mis-socjeta' konvenuta u s-socjeta' konvenuta hallset lill-esponent is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf, seba' mija u tletin liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm13,713.14) [u dan permezz ta' hames (5) pagamenti kif elenkati fl-annessa Skeda Dok. 'C'], filwaqt illi kellha tnaqqas mis-somma minnha dovuta lill-esponent l-ammont ta' elf, erba' mija u tletin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm1,430.40) in linea ta' kummissjoni pattwita bejn il-partijiet, sabiex b'hekk il-bilanc illi s-socjeta' konvenuta ghad fadlilha taghti lill-esponent ghas-sub-appalt in kwistjoni jammonta ghas-somma ta' sitt elef, seba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm6,747.86).

Minkejja li s-socjeta' konvenuta irrikonoxxiet dan id-debitu f'diversi okkazzjonijiet, l-istess socjeta' konvenuta baqghet m'effettwatx il-hlas minnha dovut, u dan minkejja illi giet interpellata taghmel dan diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2004 (hawn annessa bhala Dok. 'D').

Ghalhekk, l-esponent kien kostrett illi jirrikorri ghal dawn il-proceduri gudizzjarji.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-attur ossia l-esponent is-somma ta' sitt elef, seba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm6,747.86) rapprezentanti bilanc dovut ghas-sub-appalt fuq imsemmi moghti mis-socjeta' konvenuta mill-istess attur ossia esponent;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lill-attur ossia l-esponent l-imsemmija somma ta' sitt elef, seba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm6,747.86) rapprezentanti bilanc dovut ghas-sub-appalt fuq imsemmi moghti mis-socjeta' konvenuta lill-attur ossia l-esponent.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Novembru 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat prezenzjalment u bl-imghax legali mis-7 ta' Settembru 1996 sad-data tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta Ultra Services Company Limited, li in forza taghha eccepiet illi:

Mill-ebda dokument fil-pussess tal-esponent jew esebit mill-attur ma jidhirx illi r-rikorrent Ivan Cutajar de proprio kellu xi sehem fin-negozju mertu tal-kawza, u kwindi s-socjeta' konvenuta ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Ivan Cutajar de proprio, bl-ispejjez kontra tieghu.

Fil-mertu, huwa korrett illi s-socjeta' esponenti kienet tat sub-appalt lis-socjeta' attrici, fir-rigward ta' xoghlijiet ta' aluminium fuq il-faccata ta' bini gdid, proprjeta' tas-socjeta' Joseph Bezzina & Co. Limited.

Izda, madanakollu, l-isfond fattwali fattwali huwa wisq iktar kumpless milli juru l-atturi. Originalment, is-sub-appalt kien inghata lis-socjeta' J. Lautier Co. Limited li taghha l-attur Ivan Cutajar kien impjegat.

Din is-socjeta' kienet hadet dan is-sub-appalt ghall-prezz komplessiv ta' wiehed u tletin elf, erba' mija u tmienja u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm31,478.40) kif jidher fid-dokument US1. Dan id-dokument juri kif wara certi pagamenti s-somma li kienet dovuta lil J. Lautier Co. Limited kienet ta' ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm20,478.40).

Wara li kien inqala dizgwid bejn is-sub-kommittent (Ultra Services) u s-sub-kuntrattur (Lautier), gara li r-relazzjoni bejn Ultra Services u Lautier giet mahlula, vide Dokument US2 (ittra mibghuta mill-konsulent legali prezenti tal-atturi), u s-socjeta' attrici dahlet proprju fil-pozizzjoni ta' Lautier. Dan jidher b'mod mill-aktar evidenti mid-dokument US3, li jixhed li dak li dahlet ghalih is-socjeta' attrici kien ix-xoghol preciz li kien halla Lautier, u bl-istess prezz preciz ta' ghoxrin elf, erba' mija u tmienja u sebghin lira u erbghin centezmu (Lm20,478.40).

Effettivament, ix-xoghol gie komplut, izda qamet diffikulta' ohra fis-sens illi l-klijent Joseph Bezzina and Co. Limited irrifjutat li thallas il-prezz kollu tax-xoghol. In fatti saret kawza mis-socjeta' konvenuta kontra Joseph Bezzina and Co. Limited (citazzjoni numru 727/98) li qieghda pendenti ghas-sentenza quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Gino Camilleri u tinsab differita ghal dan l-iskop ghal 14 ta' Lulju 2006.

Gara wkoll illi permezz ta' citazzjoni fl-ismijiet "J. Lautier Co. Limited vs Ultra Services Limited" citazzjoni numru 79/97GV deciza fit-30 ta' Novembru 2005, Lautier kien

ilmenta illi l-appalt moghti lilu kien gie llegalment terminat, u dan productpretenda li jithallas is-somma tal-istess appalt u cioe' is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u tmien liri u erbghin centezmu (Lm21,908.40), li wara li titnaqqas il-kummissjoni dovuta lil Ultra Services iggib is-somma preciza ta' (Lm20,478.40), imsemmija iktar 'il fuq. Dan l-ammont huwa konfermat mill-gdid f'dokument preparat minn J. Lautier Co. Limited u esebit bhala Dokument US4.

F'din il-kawza li fiha l-attur kien gie kjamat, gie deciz illi mis-somma msemmija ta' (Lm20,478.40), irrizulta li J. Lautier Co. Limited kellha tithallas is-somma ta' sebat elef, disa' mija u erbgha u tletin lira (Lm7,934), billi dan l-ammont kien jirraprezenta x-xoghol li kien lahaq sar minn Lautier qabel ma l-appalt kien gie terminat.

Kif gja' spjegat u ppruvat, il-kuntratt ma' Lautier u l-kuntratt mas-socjeta' attrici huma L-ISTESS HAGA, ma jistax ikun hemm hlasijiet kumulattivi li jwasslu ghall-prezz li jeccedi l-prezz originali tal-appalt. B'dan ghalhekk, jekk l-attur gja ex admissis thallas is-somma ta' tlettax-il elf, seba' mija u tlettax-il lira u erbatax-il centezmu (Lm13,713.14) [vide para. 4 tar-rikors guramentat], u Lautier ghandu, fuq l-istess negozju jithallas Lm7,934, jigi li bejn dak li gja hallset is-socjeta' esponenti lill-attur, u dak li fadlilha thallas lil Lautier, tkun hallset is-somma ta' Lm21,647, cioe' elf, mija u disgha u sittin lira (Lm1,169) IKTAR milli kien originalment dovut.

B'hekk jirrizulta illi mhux biss is-socjeta' konvenuta mhux debitrici tas-socjeta' attrici, izda hija attwalment kreditrici fis-somma ta' elf, mija u disgha u sittin lira (Lm1,169) tal-istess socjeta' attrici. Ma' din is-somma trid tizdied somma ohra li ghadha mhux definita illi Mario Bezzina, direttur ta' Joseph Bezzina & Co. Limited, qal (fix-xhieda tieghu fil-kawza iktar 'il fuq imsemmija) illi hallas direttament lis-socjeta' attrici akkont tax-xoghol maghmul fuq l-istess appalt.

Ghal dawn il-motivi, it-talba attrici ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra z-zewg atturi li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta dwar kuntratt t'appalt li kien gie moghti minn Ultra Services Company Ltd, is-socjeta konvenuta lil IV'S Company Limited rigwardanti xoghol ta' aluminium kif dettaljat f'Dokument A a fol 6 tal-process anness mal-imsemmi kuntratt t'appalt, esebit dan tal-ahhar a fol 7 tal-process. IV'S Company Limited harrket lis-socjeta konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' LM6,747.80 rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar li kienet giet mifthema fuq l-imsemmi kuntratt t'appalt fl-ammont ta' LM21,908.40 wara li tnaqqas l-ammont ta' LM13,713.14 li kienu saru f'pagamenti f'okkazzjonijiet u f'ammonti differenti flimkien mal-commission li s-socjeta konvenuta rrizervat favur taghha fl-ammont ta' LM1430.40.

Is-socjeta konvenuta laqghet ghat-talbiet attrici billi filwaqt illi eccepiet preliminarjament illi l-attur Ivan Cutajar proprio ma kellux sehem fin-negozji mertu tal-kawza u s-socjeta' konvenuta konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservazza tal-gudizzju fil-konfront tieghu proprio bl-ispejjez, issostni li m'ghandha thallas l-ebda ammont lis-socjeta attrici izda anzi tghid li *hi* ghandha tiehu l-ammont ta' LM1169 minghandha, ghalkemm ma jidher li ressqet l-ebda talba formali ghal dan l-ammont.

Il-fatti li taw lok ghal din il-posizzjoni tas-socjeta konvenuta jistghu jigu sintetikament riprodotti fis-segwenti:-

- Originarjament il-kumpanija Joseph Bezzina & Co Ltd kienet tat appalt lis-socjeta konvenuta Ultra Services Ltd sabiex jaghmlulha xoghol fost l-ohrajn tal-aluminium fix-showroom taghhom fil-Marsa (ara xhieda Marco Bezzina a fol 63 tal-process).

- Is-socjeta konvenuta kienet inkarigat lil kumpanija J. Lautier Co Ltd sabiex isir ix-xoghol kuntrattat u in forza tal-istess, J. Lautier Co Ltd bdiet tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti u rceviet bhala hlas l-ammont komplessiv ta' LM11,000 (ara affidavit ta' Ivan Cutajar a fol 30 tal-process) mill-ammont ta' LM32908.40 illi kien l-ammont miftiehem li kieku J. Lautier Co Ltd kellha taghmel ix-xoghol kollu li kienet giet inkarigata taghmel (dwar dan l-ammont ara kontratalba mressqa mis-socjeta konvenuta Ultra Services Co Ltd fil-kawza 79/97/GV fejn tikkonferma li l-kuntratt originali ma' J. Lautier Co Ltd kellu valur totali f'dak l-ammont li huwa l-ammont msemmi fir-raba' eccezzjoni tas-socjeta konvenuta a fol 11 tal-process flimkien mal-commission dovut lis-socjeta konvenuta).

- Jirrizulta illi kien hemm dizgwid bejn J. Lautier Co Ltd u s-socjeta konvenuta dwar l-esekuzzjoni tal-appalt, li rrizultat fit-terminazzjoni tieghu u f'kawza li J. Lautier Co Ltd istitwiet kontra s-socjeta konvenuta ghaliex sostniet illi kien ghad fadal bilanc x'tiehu minghand is-socjeta konvenuta.

- Illi intant is-socjeta' konvenuta tat sub-appalt lil IV's Co Ltd, is-socjeta attrici permezz ta' skrittura a fol 7 tal-process ghall-ammont ta' LM21908.40 sabiex tezegwixxi x-xogholijiet elenkati f'dokument a fol 6 tal-process.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

1. L-eccezzjoni preliminari dwar l-interess guridiku ta' Ivan Cutajar proprio.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li mill-ebda dokument fil-pussess taghha jew ezebit mill-attur ma jidher li r-rikorrent Ivan Cutajar de proprio kellu xi sehem fin-negozju mertu tal-kawza a kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Ivan Cutajar proprio tal-ispejjez kontra tieghu.

Din l-eccezzjoni tirrizulta gustifikata, in kwantu r-relazzjoni guridika li fuqha tibbaza l-kawza huwa naxxenti mill-kuntratt t'appalt a fol 7 tal-process kif ukoll mill-ftehim li gie

ffirmat fit-30 ta' Gunju 1996 a fol 16 tal-process minn fejn jirrizulta car li kienet is-socjeta attrici IV's Ltd li kienet partecepi u mhux Ivan Cutajar proprio. Fit-tnejn, fil-fatt, iffirma ghan-nom tas-socjeta attrici.

Di piu', jirrizulta illi l-ittra ufficjali mibghuta lis-socjeta' konvenuta sabiex tinterpellaha thallas l-ammont bilancjali dovut (a fol 9 tal-process) giet intavolata unikament mis-socjeta attrici minghajr l-involviment ta' Ivan Cutajar proprio.

Gie stabbilit fis-sentenza "John Muscat et vs Rachelle Buttigieg et" (27 ta' Marzu 1990 per Onor. A. Manche') illi "skont id-drittijiet u l-gurisprudenza nostrali l-interess gie definit bhala "la misura dell'azione" u "point d'interet point d'action". L-interess irid ukoll ikun:-

a) Guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotezi tal-ezistenza ta' dritt u ta' vjolazzjoni tieghu";

b) Dirett u personali fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief fil-kaz ta' azzjoni popolari;

c) Attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt igifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kundizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. Dawn il-karatteristici tal-interess jistghu ukoll jigu sintatizzati fil-proposizzjoni li l-interess huwa dritt appartenenti lill-attur u l-konvenut qed jirrifjuta li jirrikonoxxi".

Konsiderat dan, l-eccezzjoni preliminari ghandha tintlaqa'. Pero' ghandu jinghad illi s-socjeta konvenuta fil-proceduri tal-kawza 79/97/GV deciza 30 ta' Novembru 2005 hi stess kienet, kuntrarjament ghal pozizzjoni li qed tiehu llum fil-proceduri odjerni, tinsisti li l-esekuzzjoni tal-appalt sar minn Ivan Cutajar proprio (ara nota tal-eccezzjonijiet a fol 12 tal-process 79/97/GV), eccezzjoni li pero' giet michuda mill-Qorti Civili Prim Awla diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembry 2005. Ghalhekk il-

posizzjoni li hadet is-socjeta konvenuta fil-kawza 79/97/GV dwar lil min inghata l-appalt setghet kienet ir-raguni ghalfejn l-proceduri infethu ukoll mill-attur Ivan Cutajar proprio,  pero’ din messha kienet taf tajjeb li Ivan Cutajar proprio ma kellhux jedd jippretendi xejn minghand is-socjeta konvenuta.

Dwar dan, il-Qorti ser tipprovdi fil-kap tal-ispejjez.

1. <u>In-Natura tar-Relazzjoni bejn il-Kontendenti</u>

Is-socjeta’ konvenuta fil-hames u d-disa’ paragrafu tar-risposta guramentata taghha a fol. 12 tal-process tikkontendi li ladarba is-socjeta’ attrici dahlet flok J. Lautier Co Ltd ghax-xoghol li kien thalla mhux ezegwit minn J. Lautier Co Ltd, is-socjeta’ attrici mhi dovuta xejn wara l-hlasijiet li ghamlet is-socjeta’ konvenuta lil J. Lautier Co Ltd fl-ammont ta’ LM11,000 oltre l-ammont ta’ LM7934 li s-socjeta konvenuta giet kundannata thallas lil J. Lautier Co Ltd permezz tas-sentenza tat-30 ta’ Novembru 2005 maghdud mal-hlasijiet li diga rceviet is-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ LM13,713.14.

Illi fir-rigward jinghad illi s-socjeta’ konvenuta meta inkarigat lis-socjeta attrici ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet ghamlitu ghall-prezz fis ta’ LM21,908.40, li wara t-tnaqqis tal-kummissjoni dovuta lilha igib is-somma ta’ LM20,478.40 kontra xogholijiet specifici li gew indikati dettaljatament fil-kuntratt t’appalt. Ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi novazzjoni jew ftehim back-to-back sabiex ragjonevolment wiehed jista’ jikkonkludi li s-socjeta attrici dahlet fiz-zarbun ta’ J. Lautier Co Ltd.

Illi l-ammont maqbul gie miftiehem bejn il-partijiet bhala ammont fiss u ma jirrizultax li kien sottintiz li dan l-ammont jista’ jigi varjat.

Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta tikkontendi li l-hlasijiet kumilattivi li hi ghandha taghmel lis-socjeta attrici u lil J. Lautier Co Ltd ma jistghux jeccedu l-prezz originali tal-appalt, dan huwa fatt li kellha tahseb ghalih l-istess

socjeta konvenuta meta ressqet ghall-ftehim mas-socjeta attrici. Jirrizultaw mill-atti processwali tal-kawza 79/97/GV illi s-socjeta konvenuta tat appalt lis-socjeta attrici meta kien ghadu ma giex stabbilit bejnha u bejn J Lautier Co Ltd kemm kien lahaq sar xoghol minn J Lautier Co Ltd. B'li ghamlet is-socjeta konvenuta u cioe li kkumissjonat lis-socjeta attrici bi prezz fiss qabel ma accertat ruhha mill-ammont ta' xoghol (u l-valur tieghu) li kien lahaq gie esegwit minn J. Lautier Co. Ltd., dan il-valur kien ta' Lm11,000. Ta' dan ma tistax tahti s-socjeta attrici li ftehmet prezz fiss mas-socjeta konvenuta, izda ghandha tahti s-socjeta konvenuta.

Il-ftehim bejn il-kontendenti f'din il-kawza huwa wiehed car. Issa, il-Kodici Civili jipprovvdi fl-artikolu:-

"***1002.*** *Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni.*"

"***1003.*** *Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom* ***il-partijiet kollha,*** *kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd lintenzjoni tal-partijiet.*"

Jirrizulta mill-qari tal-ftehim ta' appalt in kwistjoni li dak li gie pattwit bejn il-partijiet huwa car u ma hemm xejn ambigwu li jehtieg li jigi interpretat. Is-socjeta konvenuta ma tindikax b'liema mod hija tippretendi li s-socjeta attrici dahlet fiz-zarbun tal-kuntrattur precedenti, u lanqas kif seta' sehh it-trasferiment lis-socjeta attrici tad-drittijiet u l-obbligi li kien ghad fadlilha J Lautier Co Ltd fuq il-ftehim originali ta' appalt li kien intlahaq bejnha u bejn is-socjeta konvenuta. Ghalhekk fic-cirkostanzi, it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Ultra Services Company Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' Ivan Cutajar personalment, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha u tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Ultra Services

Company Limited ghandha thallas lil Ivan Cutajar ghan-nom ta' IV'S Company Limited is-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u tmintax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€15,718.29) ekwivalenti ghal sitt elef, seba' mija u sebgha u erbghin lira u sitta u tmenin centezmu (Lm6,747.86); tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Ultra Services Limited thallas lil Ivan Cutajar ghan-nom ta' IV'S Company Limited is-somma ta' hmistax-il elf, seba' mija u tmintax-il ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€15,718.29).

L-ispejjez jithallsu minn Ultra Services Company Limited hlief ghal dawk relatati ma' Ivan Cutajar personalment li ghandhom jithallsu mill-istess Ivan Cutajar.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------